"Biżżejjed ngħid illi meta kien jiġi mistieden biex jaqra poeżija tiegħu f'xi okkażjonijiet.... kien jifraħ qisu xi tfajjel safi meta jara li tkun għoġbot lis-semmiegħa .... F'Rużar kienu jidhru ħafna wkoll xejriet oħra sbieħ tassew bħall-ġabra tad-dar, it-tbegħid mill-frugħa u t-tlellix żejjed, il-ħarba mid-diskursati twal u bla siwi *u*, *iżjed minn hekk*, l-*imħabba*.

## CONSOLATRIX AFFLICTORUM

*Fis-siegħa tad-diqa*
*Il-wirt ta' dil-ħliqa*
*Bla tama utiqa*
*Int biss merżuq dawl O Marija.*

*Milja tal-ħniena*
*Għajn ta' l-indiema*
*Serħ il-għajjiena*
*Kull tjieba ġo fik O Marija.*

*'Il qalbi xewqiena*
*'Il ruħi lubiena*
*'Il ħajti xebbiena*
*Int biss tfarraġ taf O Marija.*

*Iż-żmien il-mitluf,*
*Thewdin mhux magħruf*
*Holm mejjet fil-ġuf*
*Quddiemek ninsieb O Marija.*

*Domt infittex is-sliem*
*Sibt taqriq b'logħ'b ta' kliem*
*Xejn m'għaddejt 'il quddiem*
*Iss'int sabri biss O Marija.*

*F'riġlejk hawn mixħut*
*Mhux iktar fallut*
*Fl-imħabba w misħut*
*'Ma tiegħek u miegħek Marija.*

12.vii.64 VANNI SANT